10 ta' Ottubru, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Julian Sciberras

**Attendenza Skolastika — Direttur ta' l-Edukazzjoni — Art. 5A. ta' l-Ordinanza II ta' l-1946.**

*Meta tifel jonqos milli jattendi l-iskola regolarment, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni għandu jibgħat avviż lill-ġenitur ta' dak it-tifel sabiex f'ċertu żmien jagħti r-raġunijiet ta' dak in-nuqqas; u jekk id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ma jkunx soddisfatt bir-raġunijiet li jiġu lilu mogħtija, jista' jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija jipproċedi kontra dak il-ġenitur.*

*Il-kwistjoni jekk id-Direttur ta' l-Edukazzjoni johroġx soddisfatt bir-raġunijiet li jagħtih il-ġenitur tat-tifel hija rimessa fl-"executive discretion" tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni. Dina d-diskrezzjoni hija mil-liġi limitata biss fil-każ li n-nuqqas ikun dovut għal mard tat-tifel ċertifikat minn tabib. Kull raġuni oħra hija "reasonable excuse" biss jekk jirritjeniha tali dak id-Direttur; u l-Qorti tista' biss tara jekk veramenti jirrikorrux iċ-ċirkustanzi li trid il-liġi għall-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni.*

Dan hu appell tal-Prosekuzzjoni minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-30 ta' Ġunju 1949, li biha l-imsemmi Sciberras ġie liberat mill-imputazzjoni illi f'San Ġiljan ippermetta lit-tifel tiegħu Michael li jonqos, bla raġuni tajba, milli jmur l-iskola bla ma jonqos ma' tul ix-xahar ta' Marzu 1949;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni ssostni (tant bħala raġun ta' l-ammissibilità ta' l-appell tagħha, kemm ukoll bħala meritu) illi l-Qorti t'Isfel għamlet enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi;

Id-dispożitiv tas-sentenza denunċjata hu bażat fuq l-uniku konsiderando illi t-tifel ma marx l-iskola għax ma kienx jiflaħ jew għax ma kellux qalziet biex imur;

L-imputazzjoni hi bażata fuq l-art. 5A. ta' l-Ordinanza II ta' l-1946, kif emendat bl-Ordinanza XXXV ta' l-1947, u fuq ir-raba' subartikolu ta' l-art. 4, rinumerat ukoll fil-1947;

Dawn jikkontemplaw l-ipotesi illi t-tifel ikun qed jonqos milli jattendi regolarment. F'każ simili, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni għandu jibgħat avviż bil-miktub lil dak il-ġenitur sa-

biex, f'ċertu żmien, jagħti r-raġunijiet ta' dan in-nuqqas, u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni jista' jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipproċedi kontra l-ġenitur jekk dan — u hawn ġejjin il-kliem rilevanti — "fails to satisfy the *Director of Education* that he had a reasonable excuse". Fis-subartikolu 4 ta' l-art. 4 jingħad illi nuqqas minn skola mħabba mard ċertifikat minn tabib huwa "reasonable excuse", kif ukoll hija "reasonable excuse" "any other cause acknowledged to be reasonable by the Director of Education at his discretion";

Minn dawn il-kliem hu ċar illi, b'liġi, hija mogħtija lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni dik li tissejjaħ "executive discretion"; u l-Qorti, skond il-prinċipji aċċettati f'każi simili (ara App. Krim. "Pul. vs. Buhagiar", 13 ta' Marzu 1937; "*Pulizija* vs. Gaetano Farrugia", 21 ta' Mejju 1938; "Pulizija vs. Fiteni", 2 ta' Lulju 1938; u l-ġurisprudenza tal-Qrati Ingliżi fihom ċitata), tista' biss għalhekk tara jekk veramente jirrikorrux iċ-ċirkustanzi li trid il-liġi għall-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni. Issa ma hux konestat illi t-tifel naqas mill-iskola. bħala fatt materjali, u mid-dokument fol. 3 ta' l-inkartament jidher ukoll illi l-avviż meħtieġ mil-liġi ġie mibgħut lill-ġenitur; u għalhekk kien hemm lok għall-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni. *Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ma kienx soddisfatt* bir-raġuni allegata, tant li talab li jsiru proċeduri (ara dok. fol. 8);

L-unika limitazzjoni li tqiegħed il-liġi għal dik id-diskrezzjoni hi fis-sens li mard, jekk ikun debitament ċertifikat, hu "reasonable excuse", bla ma d-Direttur ta' l-Edukazzjoni jista' jarbitra;

Issa, f'dan il-kaz il-mard (del resto vagament allegat kwantu għall-perijodu tiegħu) ma kienx ċertifikat. Ir-raġuni *l-oħra ma ssoddisfatx lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, u ma jistax* ċertament jingħad fil-fatti-speċje illi d-"discretion" ma kienetx "reasonably exercised", jew illi ġie vjolat il-prinċipju enunċjat mill-Qrati Ingliżi, li fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni "it is always assumed that the Executive will act honestly, and that its powers will be reasonably exercised";

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni, u, wara li rat l-art. 5A ta' l-im-

semmija Ordinanza, tikkundanna lill-imputat (peress li ma ġietx allegata r-reċidiva) għall-piena tal-multa ta' £1, titħallas żmien sitt ijiem.